MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Numru. 635/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**(Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**Omissis**

**Josef Buttigieg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Omissis u Josef Buttigieg ta’ 34 sena, bin Alfred u Georgina nee’ Cassar

imwieled Pieta' fit-23 ta' Frar 1980, residenti fil-fond numru 79 Triq Wignacourt Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 133680M.

Akkuzat talli fit- 8 ta' Lulju 2014, gewwa l-Mellieha, ghal habta ta 12:00 pm, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa residenza liema serq huwa kwalifikat, *bil- mezz, u bil-Valur* liema ammont jeccedi € 2,329.37 ghad-detriment ta' Carmen Van Der Weerden u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra, u dan bi kusr tal- artikoli 261(b)(c)(d), 263(a), 265, 266, 267, 268(d), 279(b), 280(2);

U aktar talli matul dan l-ahhar gimghat xjentement, laqgha ghandu u jew xtara hwejjeg, li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom

Lil Omissis wahdu talli;

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr A.Vella LL.D fl-15 ta' Novembru 2012 b'dan li ma jikkommettix delitt ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht

garanzija personali ta’ € 5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

Il-Qorti giet gentilment sabiex f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom omississ inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma globali ta’ € 5000 bhala garanziji personali), jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Lil Josef Buttigieg wahdu talli

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D fis-07 ta’ Novembru 2012 u kif sussegwentement emendati b’digriet tal-Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Onor. David Scicluna LL.D. nhar id-19 ta’ Novembru 2012 b’dan li ma jikkommettix delitt ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta’ € 500 u garanzija personali ta’ € 4,500 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Claire

Stafrace Zammit LL.D fl-04 ta’ Marzu 2013 b’dan li ma jikkommettix delitt ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta’ € 500 u garanzija personali ta’ € 5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D fil-15 ta’ Marzu 2013 u kif sussegwentement emendati b’digriet tal-Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imhallef Onor. Michael Mallia LL.D. nhar l-20 ta’ Marzu 2013, b’dan li ma jikkommettix delitt ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta’ € 1,000 u garanzija personali ta’ € 10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D fis-26 ta’ Mejju 2013 b’dan li ma jikkommettix delitt ta’ natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht depozitu ta’ € 2,000 u garanzija personali ta’ € 5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

Il-Qorti giet gentilment sabiex f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Josef Buttigieg

inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma globali ta’ € 28,500 (€ 4,000 bhala depoziti u € 24,500 bhala garanziji personali), jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment akkuzat talli rrenda ruhu recediv b’ diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-9 ta’ Lulju, 2014 ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ta’ omississ u ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu wahdu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ ewwel (1) imputazjoni migjuba fil-konfronti tieghu ta’ Omissis u ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu wahdu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li r-resfurtiva giet irkuprata, kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors ta’ l-investigazzjoni u l-fatt ukoll li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.  Il-Qorti izda qieset ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv u li kiser il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest impost fuqu f’ erba’ okkazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b)(c)(d), 263(a), 265, 266, 267, 268, 279(b) u 280(2) u 579 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ta’ omissis u tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-ammonti ta’ €500 mposti bhala depozitu skond digriet ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona fis-7 ta’ Novembru, 2012 u emendat fis-19 ta’ Novembru, 2012 mill-Imhallef Onor. David Scicluna, l-ammont ta’ €500 mposti bhala depozitu skond digriet ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit fl-4 ta’ Marzu, 2013, l-ammont ta’ €1000 mposti bhala

depozitu skond digriet ghall-helsien mill-arrest moghti fil-15 ta’ Marzu, 2013 mill-Magistrat Dr Miriam Hayman u emendat fl-20 ta’ Marzu, 2013 mill-Onor. Imhallef Michael Mallia u l-ammont ta’ €2000 mposti bhala depozitu skond digriet ghall-helsien mill-arrest moghti fis-26 ta’ Mejju, 2013 mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera.

Il-Qorti inoltre tordna r-riarrest b’ effett immedjata tal-imputat fil-kawza fejn inghata l-helsien mill-arrest skond id-digrieti hawn fuq imsemmija. Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din l-imputazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma’ kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------